MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**ONOR. IMHALLEF -- AGENT PRESIDENT**

**GIANNINO CARUANA DEMAJO**

**ONOR. IMHALLEF**

**NOEL CUSCHIERI**

**ONOR. IMHALLEF**

**JOSEPH ZAMMIT MC KEON**

Seduta tas-27 ta' April, 2015

Appell Civili Numru. 727/2009/2

**Patrick Caruana Dingli, Elena Caruana Dingli,**

**Anthony Cremona, Blanche Cremona, Stephen Urpani,**

**Jacqueline Urpani, Joseph Mamo, Marthese Mamo, Joseph Cassar,**

**Anna Cassar, Roberto Bugeja, Daniela Bugeja, Jeremy Castillo,**

**Eva Penny Castillo, Helja Marjut Fells**

**v.**

**Alberto Bonello Ghio**

1. Din is-sentenza hija dwar talba magħmula mill-konvenut Alberto Bonello Ghio biex jinstema' mill-ġdid appell maqtugħ b'sentenza ta' din il-Qorti tal-1 ta' April 2014, wara li titħassar dik is-sentenza għax il-konvenut jgħid illi s-sentenza (i) hija l-effett ta' żball li jidher mill-atti tal-kawża u (ii) applikat il-liġi ħażin (art. 811 para. (*l*) u (*e*) tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili).

2. Il-fatti, safejn huma relevanti għal din is-sentenza tallum, huma dawn: l-atturi huma sidien ta' appartamenti, kull wieħed sid tal-appartament tiegħu, f'korp ta' appartamenti f'tas-Sliema. Fil-kuntratti tal-akkwist tal-appartament tagħhom kull wieħed mill-atturi ngħata "dritt ta' użu" tal-bejt li, iżda, baqa' proprjetà tal-bejjiegħ li żamm ukoll id-dritt illi jkompli jibni sulari oħra fuq il-bejt, b'dan illi d-dritt ta' użu tal-atturi jiġi eserċitat fuq il-bejt il-ġdid.

3. Għalkemm kull wieħed mill-atturi ngħata d-dritt ta' użu tal-bejt, dan id-dritt ingħata b'kundizzjonijiet differenti, u d-dritt ta' xi wħud mill-atturi huwa usa minn dak ta' oħrajn, iżda lkoll intrabtu li ma jxekklux lis-sid tal-bejt jekk dan jiġi li jibni sulari oħra fuqu.

4. Ġara li l-proprjetà tal-bejt, bid-dritt li jibni fuqu, inkisbet mill-konvenut li beda jibni *penthouse* fuq il-bejt. Għalkemm il-konvenut offra lill-atturi l-użu tal-bejt tal-*penthouse*, u b'hekk deherlu li kien qiegħed joqgħod għall-kundizzjonijiet tal-kuntratti, l-atturi ma aċċettawx, għax dehrilhom illi, billi l-bejt tal-*penthouse* huwa iżgħar minn dak tal-bejt li kienu jużaw

qabel, u li fuqu nbniet il-*penthouse*, kien qiegħed jitnaqqsilhom id-dritt ta' użu tal-bejt. Għalhekk fetħu l-kawża tallum u talbu illi l-qorti:

> "(1) tiddikkjara u tiddeċiedi illi r-rikorrenti jew min minnhom għandhom id-dritt irrevokabbli tal-użu tal-bejt tal-imsemmija blokka appartamenti ... ... ...;
>
> "(2) tiddikkjara u tiddeċiedi illi b'riżultat tal-iżvilupp tal-imsemmija arja f'*penthouse* da parte tal-intimat, dan id-dritt tar-rikorrenti ta' użu tal-bejt sejjer jew jispiċċa jew jiġi serjament preġudikat;
>
> "(3) twaqqaf b'mod definittiv lill-intimat milli jagħmel xogħlijiet fl-arja tiegħu fuq il-blokka appartamenti in kwistjoni f'forma ta' *penthouse* u/jew b'mod li jilledi fuq id-drittijiet tar-rikorrenti *stante* li tali żvilupp jilledi serjament u irrimedjabbilment id-drittijiet tar-rikorrenti."

5. L-atturi kienu talbu wkoll il-ħruġ ta' mandat ta' inibizzjoni biex il-konvenut jinżamm milli jkompli jibni l-*penthouse*, iżda l-ewwel Qorti ċaħdet it-talba għall-ħruġ tal-mandat u llum il-*penthouse* hija mibnija.

6. B'sentenza tas-17 ta' Ġunju 2010 l-ewwel qorti ċaħdet ukoll it-talbiet tal-atturi fil-kawża wara li qieset illi d-dritt li għandhom l-atturi ma huwiex servitù jew xi dritt ieħor *in re* għax qatt ma ġie insinwat. Għamlet ukoll dawn il-konsiderazzjonijiet:

> "Illi għalhekk din il-qorti tħoss li tali dritt vantat mill-atturi ma jistax jiġi kkunsidrat bħala dritt ta' servitù jew piż reali fuq id-dritt tal-proprjetarju tal-arja tal-blokk ta' *flats de quo* u li attwalment dan huwa l-konvenut odjern. ... ... ...
>
> "... ... ...
>
> "Illi fid-dawl ta' din il-posizzjoni legali jirriżulta mill-provi prodotti li tali użu tal-bejt li għandhom l-atturi huwa biss ristrett għal dak li attwalment ikun jeżisti fuq l-arja tal-istess blokk ta' *flats*, u bl-ebda mod ma jista' jimpedixxi, almenu fil-każ in eżami, l-iżvilupp ta' tali arja, kif sar mill-konvenut, anke sabiex tinbena *penthouse*, u dan għaliex b'dan il-mod tali dritt ta' użu tal-bejt kif mogħti fl-istess kuntratti bl-ebda mod ma huwa ser jiġi preġudikat, anke għaliex tali dritt ta' użu tal-bejt huwa biss abbinat ma' dak li jkun il-bejt fil-mument li l-proprjetarju tal-arja tal-blokk tal-*flats* jeserċita d-dritt tiegħu ta' proprjetà tal-istess arja, u senjatament id-dritt li jiżviluppa l-istess arja.
>
> "Illi f'dan is-sens allura din il-qorti tħoss li f'dan il-każ l-atturi kollha, anke dawk li jingħad li għandhom użu tal-bejt tal-blokk in kwistjoni, ma għandhomx u qatt ma kellhom użu illimitat tal-bejt, kien ta' liema livell kien, tal-imsemmi blokk u wisq inqas għandhom dritt ta' użu tal-arja tal-istess blokk ta' *flats* ... ... ... u jirriżulta li fil-fatt dan id-dritt ta' użu tal-bejt tal-atturi huwa dejjem sottomess għad-dritt tal-proprjetarji tal-istess arja tal-blokk li jibnu l-istess, u dan jirriżulta fuq kollox mill-obbligu tal-proprjetarji tal-appartamenti rispettivi li ma jistgħux iwaqqfu tali żvilupp tal-

arja, u li tali żvilupp huwa biss marbut mal-obbligu tal-proprjetarji tal-istess arja li jqiegħdu t-tank tal-ilma u l-*aerial* fuq il-bejt il-ġdid tal-bini li jsir, f'dan il-każ il-*penthouse*, u allura fuq il-bejt tal-istess *penthouse*, il-proprjetà ta' liema xorta baqgħet tal-konvenut odjern.

"... ... ...

"Illi ... ... ... fil-verità mkien mill-provi ma jirriżulta li l-atturi kienu qed jużaw il-bejt li kien hemm għal xi skopijiet oħra; veru li jissemma xi dritt ta' nxir fuq l-istess bejt, iżda prova ta' użu għal dan l-iskop ma ġiet prodotta bl-ebda mod mill-atturi; iżda anke jekk għall-grazzja tal-argument biss jiġi konċess li hekk huwa l-każ japplika l-prinċipju (iżda dejjem fil-kuntest ta' dak hawn deċiż) indikat fis-sentenza Joseph Buhagiar *et v.* George Micallef *et* (P.A. 6 ta' Mejju 2004) li fejn il-liġi ma tippermettix li jseħħ dak li jista' jkun pattwit, u dan minħabba att ammistrattiv li huwa ekwivalenti għal forza maġġuri (German *v.* Apap Bologna – P.A. 12 ta' Marzu 1953) – u jista' jingħad li huwa paċifiku li f'dan il-każ *de quo*, fil-blokk ta' bini in eżami ma setax skont il-ligi u skont ir-regolamenti tal-ippjanar jinħareġ permess ta' bini ħlief għal *penthouse* – il-konvenut ma jistax jinżamm responabbli talli mhux qed jippermetti li jsir xi użu tal-bejt li seta` kien qabel konsentit, għaliex bħala fatt tali dritt ta' użu jew xi parti minnu, ġie mċaħħad mhux mill-konvenut iżda mil-liġi stess u r-regolamenti tal-ippjanar. L-istess japplika għall-estensjoni tal-bejt inkwantu din tista' tirrigwarda l-allegazzjoni li d-dritt ta' użu tal-bejt kien marbut mal-estensjoni kollha tiegħu, li fl-opinjoni tal-qorti lanqas tirriżulta ppruvata b'mod sodisfaċenti meta jittieħdu l-kuntratti kollha tal-atturi f'din il-kawża.

"Illi mill-provi prodotti jirriżulta wkoll li l-*aerials* tat-*televison* u t-tankijiet tal-ilma jistgħu jitpoġġew fuq l-arja tal-bejt il-ġdid tal-*penthouse* mibnija skont il-permess PA 5676/07 u hemm aċċess għall-istess skont il-pjanti approvati u skont dak provdut fil-*Policy and Guidelines 2007* f'paragafu 10.6 tal-istess. ... ... ...

"Illi fl-aħħarnett jingħad ukoll li, inkwantu jirrigwarda t-tieni talba, tali bini tal-*penthouse* diġà sar kif jirriżulta ampjament ippruvat mill-provi kollha tal-kawża."

7. L-atturi appellaw minn din is-sentenza u din il-qorti laqgħet l-appell, bl-ispejjeż, ħassret is-sentenza appellata u laqgħet l-ewwel żewġ talbiet tal-atturi (għalkemm ma qisitx it-tielet waħda) għal raġunijiet li fissrithom hekk.

"Trattat l-appell, din il-qorti tibda biex tirribadixxi d-deċiżjoni li tat din il-qorti fil-kawża Fenech *et v. A&R Mercieca Ltd*, deċiża fit-22 ta' Mejju 2008, fis-sens li, skont il-liġi, meta jiġi reġistrat kuntratt pubbliku fir-Reġistru Pubbliku, mhux meħtieġ li d-dritt ta' servitù jiġi reġistrat speċifikatament. Din il-qorti għamlet dawn l-osservazzjonijiet fir-rigward:

> ""L-att li holoq is-servitù ... ... ... ġie regolarment insinwat, u għalkemm fin-nota tal-insinwa ma hemmx riferenza speċifika għas-servitù in kwistjoni, sta għall-akkwirent li jeżamina dak l-att biex jara d-dettalji tiegħu.
>
> ""Persuna li se takkwista proprjetà m'għandhiex tikkuntenta ruħha billi tara biss in-nota tal-insinwa li l-iskop tagħha hu biex tagħti avviż lit-terzi dwar il-fatt li jkun sar att ta' trasferiment u tal-proprjetà milquta bl-att reġistrat; il-kundizzjonijiet li jirregolaw dak it-trasferiment jew ħolqien ta' dritt reali, u li

> jirriżultaw minn dak l-att, iridu, imbagħad, jigu meħuda u eżaminati mill-att innifsu."

"Eliminata l-ħtieġa ta' reġistrazzjoni, irid issa jiġi deċiż jekk, fil-fatt, inħoloqx servitù ta' użu tal-bejt fil-każ tax-xerreja tad-diversi appartamenti.

"Dak li jiddistingwi servitù minn sempliċi obbligazzjoni hija r-relazzjoni ta' dominazzjoni ta' proprjetà fuq oħra fl-istess inħawi li jinħoloq fl-ewwel każ. ... ... ... Fil-kawza Risiott *v.* Bajada, deċiża mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fit-22 ta' Mejju 1998, ġie osservat li dak li jiddistingwi servitù minn sempliċi regolament amministrattiv, hija ċ-ċirkostanza ta' jekk dak ir-regolament iġibx sitwazzjoni fejn jista' jiġi identifikat fond dominanti u fond servjenti, u f'dik il-kawża l-qorti ravviżat l-eżistenza ta' servitù bil-fatt li r-regolament li impona limitazzjoni ta' żvilupp "ħoloq sitwazzjoni fejn kull bini fl-iskema huwa fl-istess ħin fond dominanti u fond servjenti, għax huwa soġġett għal-limitazzjoni dwar għoli iżda fl-istess ħin igawdi wkoll is-servitù li bini ieħor ma jkunx ogħla minnu".

"Fil-każ in eżami, teżisti din ir-relazzjoni bejn il-fondi dominanti tal-atturi, u l-bejt u l-arja, proprjetà servjenti tal-konvenut. Ma jistax jingħad li kien biss il-venditur fuq id-diversi kuntratti li obbliga ruħu li jikkawtela l-użu tal-bejt mis-sidien tal-appartamenti, iżda hu kien qed jintrabat għalih u għal aventi kawza minnu, u l-fatt li ma ntużatx il-frażi "ħolqien ta' servitù", jew xi ħaġa simili, ma jfissirx li, bħala dritt, ma nħoloqx tali dritt. Fil-fatt, din il-qorti, fil-kawża Scicluna *v.* Sant, deċiża fit-30 ta' Novembru 2007, osservat illi:

> ""F'dawn iċ-ċirkostanzi din il-qorti ma tara ebda nuqqas fil-kuntratt ta' akkwist tal-atturi billi ma ntużawx il-kliem "servitù ta' dritt ta' passaġġ", u dan billi dak li tniżżel fil-kuntratt ifisser proprju dan u ma hemm ebda formula sagrosanta li teħtieġ li l-kelma "servitù" tintuża espressament kemm-il darba mill-korp tal-kuntratt ikun jidher li tali dritt qiegħed effettivament jingħata."

"Eżaminati issa l-kuntratti tal-atturi, din il-qorti tagħmel dawn l-osservazzjonijiet:

> "(1) Fil-każ tal-appartament ta' Patrick Caruana Dingli, jingħad li sid l-appartament ingħata "*the right to use the roof*", għalkemm dan aċċetta li l-bejt jista' jkun 56 metri kwadri iżgħar milli hu;
>
> "(2) Anthony Caruana ngħata "*the right of irrevocable use of the roof*"; bħalma ngħad f'kull kuntratt, il-venditur irriżerva d-dritt li jiżviluppa l-bejt, b'dan illi "*the purchaser shall have the right of use of the new roof*";
>
> "(3) Joseph Mamo akkwista l-appartament tiegħu "bil-komunjoni tal-użu irrevokabbli mal-*flats* l-oħra f'dan il-blokk tal-bejt";
>
> "(4) Roberto u Daniela Bugeja akkwistaw ukoll "*the right of irrevocable use of the roof*"; il-venditur irriżerva d-dritt li jiżviluppa l-arja, b'dan illi "*the purchaser shall have the right of use of the new roof*";
>
> "(5) Joseph Cassar ingħata l-użu tal-bejt "*only for television aerial and water tank installations*", iżda fil-kuntratt ingħad illi f'każ li s-sidien tal-appartamenti l-oħra jingħataw użu tal-bejt għal skopijiet oħra, dan ikollu l-istess drittijiet bħall-ohrajn;
>
> "(6) Helja Marjut Fells akkwistat l-appartament tagħha bid-dritt ta' użu tal-bejt skont kif ikun ingħata lix-xerejja l-oħra tal-appartamenti l-oħra.

"Din il-qorti mhux ser tqis il-każ ta' Stephen Urpani u ta' Jeremy u Eva Castillo, peress illi fiż-żewġ kuntratti l-venditur irriżerva speċifikament id-dritt li jibni *penthouse* fuq il-bejt, bix-xerejja jkunu obbligati jaċettaw li "*the roof being smaller in such an eventuality*" u li jużaw "*the new part of the smaller roof*" rispettivament. F'dawn iż-żewġ każi, allura, dak li qed

jagħmel il-konvenut huwa fil-limiti tad-drittijiet tiegħu, peress li ġie konċess lilu d-dritt li jibni *penthouse* fuq il-bejt biż-żewġ akkwirenti jaċċettaw li joqogħdu għal użu ta' bejt iżgħar.

"Apparti dawn it-tnejn, però, fil-każijiet l-oħra l-użu tal-bejt hu mingħajr limiti, u ħlief għall-każ ta' Patrick Caruana Dingli, ma hux pattwit li l-bejt jista' jkun iżgħar milli kien. Fil-fehma ta' din il-qorti, dan id-dritt konċess ta' użu tal-bejt huwa servitù li jorbot lis-sid tal-fond servjenti jirrispetta l-użu li jista' jsir mill-istess. Almenu fil-konfront ta' wħud mill-atturi, il-venditur, għalkemm f'kull każ żamm id-dritt li jiżviluppa l-arja tal-bejt, intrabat li jżomm ferm dan l-użu kif oriġinarjament konċess. Dan huwa l-implikazzjoni tad-dritt konċess fil-kuntratti. Dan l-użu huwa limitazzjoni għad-dritt ta' tgawdija li żamm is-sid tal-bejt u l-arja sovrastanti, u din il-limitazzjoni ma tistax titnaqqar jekk mhux bil-kunsens tas-sidien tal-fondi dominanti.

"Id-dritt ta' użu tal-bejt ingħata, f'ċerti kazijiet, b'mod generali, u mhux limitat għat-tqegħid ta' *aerials* u/jew tankijiet tal-ilma. Kif ingħad minn din il-qorti fil-kawża <u>Grima *v.* Atkins</u>, deċiża fis-6 ta' Lulju 2007, dritt ta' użu ta' bejt għandu tifsira wiesgħa; … … …

"Huwa dan id-dritt liberu u wiesgħa li għandu jiġi rispettat minn sid l-arja tal-*block*. Bil-bini ta' sular normali ieħor fuq il-bejt tal-blokk, il-firxa tal-bejt kienet ser tkun *più o meno* l-istess bħal dak illi dejjem gawdew l-atturi. Meta l-konvenut, però, għażel illi jibni *penthouse* is-sitwazzjoni tinbidel. L-argument tal-konvenut illi mhux hu iżda l-liġi stess li qiegħda tnaqqas jew timmina d-drittijiet tal-atturi huwa sofiżmu, għaliex huwa l-konvenut illi jixtieq jiżviluppa *penthouse* u mhux l-Awtorità tal-Ippjanar.

"Il-kostruzzjoni ta' *penthouse* iġġorr magħha restrizzjonijiet imposti mir-regolamenti tal-bini, u dan isarraf f'limitazzjoni esaġġerata tad-drittijiet dwar l-użu tal-bejt il-ġdid (il-bejt ta' fuq il-*penthouse*) da parti tal-atturi. Id-drittijiet tal-atturi, per eżempju, għall-inxir tal-ħwejjeġ u tqegħid ta' ċilindri tal-gass ma jistgħux isiru fuq il-bejt tal-*penthouse*, li jkun mingħajr ilqugħ, *cioè*, mingħajr opra morta effettiva, u l-aċċess tiegħu mhux sejjer ikun mit-tromba tat-taraġ intern. Din il-qorti, fil-kawza <u>Gerada *v.* Sant</u> deċiża fil-25 ta' Marzu 2011, kienet ukoll ma ppermettietx il-bini ta' *penthouse* fuq il-bejt ta' blokk appartamenti fejn ukoll kien ġie riservat dritt ta' użu tiegħu. Intqal f'dik il-kawża, f'sitwazzjoni li tixbah dik preħenti, illi:

> ""L-aċċess li ngħata lill-appellanti kien għall-bejt kollu u mingħajr limitazzjonijiet, u għalkemm id-dritt ingħata għall-bejt eżistenti jew eventwali bjut tal-blokk (jiġifieri l-bejt wara l-iżvilupp ma kellux neċessarjament jibqa' tal-istess daqs u kobor), il-konvenuti ma jistgħux jissegregaw parti mill-bejt b'ħajt, b'mod li għall-parti mill-istess bejt ikollhom użu esklussiv. Jirriżulta mill-provi li l-konvenuti bnew il-ħajt li issa qed jaqsam il-bejt il-ġdid u li naqqas l-area tal-bejt preċedenti."

"Anke f'dan il-każ, l-użu ngħata għall-bejt kollu, u dan id-dritt ma jistax jitnaqqas unilateralment mis-sid tal-arja … … …

"Huwa veru illi l-limitazzjonijiet dwar l-użu tal-bejt tal-*penthouse* jorbtu lis-sid tal-istess, u mhux lill-atturi; però, in-nuqqas ta' opra morta effettiva (li trid tkun "*a non solid screen*") u kwalunkwe *enforcement notice* li tista' toħroġ l-awtorità kompetenti minħabba l-użu li jkun qed isir tal-bejt, jaffetwa wkoll lill-atturi għax jolqot, b'mod dirett, l-użu li jistgħu jagħmlu mill-istess bejt.

"Sfortunatament, illum il-bini tal-*penthouse* sar u huwa lest, u għalhekk it-tielet talba attriċi ma tistax tintlaqa'. La darba, f'dawn il-proċeduri, ma saret ebda talba għad-demolizzjoni tiegħu, din il-qorti ma tistax tipprovdi għal dan. Jibqa' però li fil-konfront tal-atturi kollha, barra Stephen Urpani,

> Jeremy u Eva Castillo (u ovvjament il-konjuġi Cassar li ċedew l-atti sa fejn jirrigwarda lilhom) l-ewwel żewġ talbiet għandhom u jistgħu jiġu milqugħa, b'riserva *si et quatenus* għal kull rimedju iehor li jista' jintalab.
>
> "Għaldaqstant, għar-ragunijiet premessi, tilqa' l-appell tal-atturi appellanti – ħlief dak ta' Stephen Urpani, Jeremy u Eva Castillo – tħassar u tirrevoka s-sentenza li tat l-ewwel qorti fis-17 ta' Ġunju 2010 u tgħaddi biex, minflok, tilqa' l-ewwel żewġ talbiet tal-atturi kollha barra Stephen Urpani, Jeremy u Eva Castillo kif dedotti, u, fiċ-ċirkostanzi, tastjeni milli tieħu konjizzjoni ulterjuri tat-tielet talba."

8. B'rikors tat-30 ta' Ġunju 2014 il-konvenut talab illi l-appell jinstema' mill-ġdid, wara li titħassar is-sentenza tal-1 ta' April 2014 ["is-sentenza attakkata"] għax jgħid illi din (i) hija l-effett ta' żball li jidher mill-atti tal-kawża u (ii) applikat il-liġi ħażin (art. 811 para. (*l*) u (*e*) tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili). L-atturi wieġbu fl-14 ta' Lulju 2014 u fissru għala, fil-fehma tagħhom, it-talba għat-tħassir tas-sentenza attakkata għandha tiġi miċħuda.

9. L-iżbalji ta' fatt, *i.e.* "is-suppożizzjoni ta' xi fatt li l-verità tiegħu tkun bla ebda dubju eskluża, jew ... is-suppożizzjoni li ma jeżistix xi fatt li l-verità tiegħu tkun stabbilita pożittivament", li l-konvenut jgħid illi fuqhom hija msejsa s-sentenza appellata, huma dawn:

    i. illi "restrizzjonijiet imposti mir-regolamenti tal-bini" jissarrfu f'"limitazzjoni esaġġerata" tal-użu tal-bejt ta' fuq il-*penthouse* għall-inxir u għat-tqegħid ta' ċilindri tal-gass;

    ii. illi l-bejt ikun "mingħajr ilqugħ";

    iii. illi l-aċċess għall-bejt ma jkunx mit-tromba tat-taraġ intern.

10. Biex żball ta' fatt iwassal għat-tħassir ta' sentenza taħt l-art. 811(*l*) tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili is-sentenza trid tkun "effett" ta' dak l-iżball, *i.e.* l-iżball irid ikun determinanti għas-sentenza. Barra minn hekk, irid ikun żball illi "jidher mill-atti jew mid-dokumenti tal-kawża" b'mod illi ma tkunx meħtieġa indaġni ulterjuri biex l-iżball jinkixef.

11. Fid-dawl ta’ din il-konsiderazzjoni l-Qorti ma tarax illi huwa meħtieġ illi tara jekk kienx hemm tassew l-iżbalji ta’ fatt li jgħid il-konvenut, jew jekk dawn jidhrux mill-atti jew mid-dokumenti tal-kawża, għax is-sentenza attakkata turi ċar illi l-konsiderazzjonijiet illi iddeterminaw id-deċiżjoni tal-qorti ma kinux dawk imsemmija mill-konvenut iżda l-fatt illi t-tgawdija tas-servitù illi jgawdu l-proprjetrajiet tal-atturi sejra tonqos għax id-daqs tal-bejt sejjer jonqos. Il-fatt illi, qabel il-bini tal-*penthouse*, l-atturi kellhom it-tgawdija ta’ arja akbar minn dik li tifdal wara l-bini tal-*penthouse* ifisser bilfors illi l-użu tas-servitù jitnaqqas, bi ksur ta’ dak li jgħid u jrid l-art. 474(1) tal-Kodiċi Ċivili, ukoll jekk l-atturi xorta jistgħu jitilgħu fuq il-bejt il-ġdid minn taraġ, u xorta jistgħu jonxru, jiżfnu u jqiegħdu ċilindri tal-gass fuq il-bejt.

12. Li kienet din il-konsiderazzjoni li iddeterminat id-deċiżjoni fis-sentenza appellata jidher mill-fatt illi t-talba tal-atturi Stephen Urpani u Jeremy u Eva Castillo ġiet miċħuda għax fil-kuntratti ma’ dawn:

> “... ... ... il-venditur irriżerva speċifikament id-dritt li jibni *penthouse* fuq il-bejt, bix-xerejja jkunu obbligati jaċettaw li “*the roof being smaller in such an eventuality*” u li jużaw “*the new part of the smaller roof*” rispettivament. F’dawn iż-żewġ każi, allura, dak li qed jagħmel il-konvenut huwa fil-limiti tad-drittijiet tiegħu, peress li ġie konċess lilu d-dritt li jibni penthouse fuq il-bejt biż-żewġ akkwirenti jaċċettaw li joqogħdu għal użu ta’ bejt iżgħar.
>
> “Apparti dawn it-tnejn, però, fil-każijiet l-oħra l-użu tal-bejt hu mingħajr limiti, u ħlief għall-każ ta’ Patrick Caruana Dingli, ma hux pattwit li l-bejt jista’ jkun iżgħar milli kien.
>
> “... ... ...
>
> “Bil-bini ta’ sular normali ieħor fuq il-bejt tal-blokk, il-firxa tal-bejt kienet ser tkun *più o meno* l-istess bħal dak illi dejjem gawdew l-atturi. Meta l-konvenut, però, għażel illi jibni *penthouse* is-sitwazzjoni tinbidel.”

13. Il-konsiderazzjonijiet li kompliet tagħmel il-qorti dwar l-aċċess, l-inxir u ċ-ċilindri tal-gass kienu konsiderazzjonijiet ulterjuri li ma kinux tassew meħtieġa għax, ukoll mingħajrhom, kien jibqa’ l-fatt determinanti li l-bejt ċkien u b’konsegwenza inevitabbli ċkien l-użu li jista’ jsir mill-bejt, kwantitattivament jekk mhux bilfors ukoll kwalitattivament. Għalhekk

huwa għal kollox irrelevanti jekk dawk il-konsiderazzjonijiet ulterjuri humiex żbaljati jew le għax ma kinux huma illi iddeterminaw id-deċiżjoni.

14. L-aggravju msejjes fuq żball ta’ fatt huwa għalhekk miċħud.

15. Il-konvenut jgħid ukoll illi kien hemm applikazzjoni ħażina tal-liġi, u jfisser dan l-aggravju hekk:

> “Il-Qorti tal-Appell iddeċidiet ukoll hekk:
>
> > ““... ... ... kwalunkwe *enforcement notice* li tista’ toħroġ l-awtorità kompetenti minħabba l-użu li jkun qed isir tal-bejt jaffetwa wkoll lill-atturi għax jolqot, b’mod dirett, l-użu ti jistgħu jagħmlu mill-istess bejt.”
>
> “Illi hawn il-qorti applikat il-liġi ħażin u hemm ukoll żball. Jekk il-*MEPA* toħroġ *enforcement notice*, dan tista’ tagħmlu biss abbażi ta’ ksur ta’ kundizzjoni tal-permess tal-iżvilupp; *ergo* tali *enforcement notice* jista’ jinħareġ biss fil-konfront tal-*permit holder* u jista’ jolqot lilu biss. ... ... ... hawn qed nitkellmu fuq inxir fuq bejt ta’ *penthouse*, li ma hu pprojbit minn ebda regolament kif ħażin qalet il-Qorti tal-Appell, u ma hemm l-ebda liġi li tipprojbixxi tali nxir – hu biss il-permess tal-iżvilupp li jista’ joħloq tali limitazzjoni, u tali limitazzjoni, naxxenti hekk esklussivament mill-permess, hi enforzabbli biss bejn il-kontraenti għal dak il-ftehim (il-permess), u *cioè* il-*MEPA* minn naħa, u l-applikant min-naħa l-oħra. Tali permess jinħareġ dejjem bla ħsara għad-drittijiet ta’ terzi, *saving third party rights*, u kull kundizzjoni/limitazzjoni naxxenti mill-permess ma hix enforzabbli mill-*MEPA* fil-konfront ta’ dawn it-terzi. Hawnhekk, il-Qorti kellha timxi abbażi tas-subinċiż (2) tal-artikotu 86 tal-Kap 504. tal-Ligijiet ta’ Malta.
>
> “Illi għalhekk fejn il-Qorti tal-Appell ikkonkludiet li “... kwalunkwe *enforcement notice* li tista’ toħroġ l-awtorità kompetenti minħabba l-użu ti jkun qed isir tal-bejt jaffetwa wkoll lill-atturi għax jotqot, b’mod dirett, l-użu li jistgħu jagħmlu mill-istess bejt”, tali konklużjoni hi legalment ħażina billi l-*MEPA* ma tista’ toħroġ l-ebda *enforcement notice* li jippreġudika d-dritt ta’ nxir li għandhom l-atturi. Il-*MEPA* ma tistax tmiss, la direttament u lanqas bl-iċken mod, l-użu li terzi *ossia* r-ritrattati [*sic*] f’dan il-każ għandhom tal-bejt tal-blokka (anke jekk ikun il-bejt tal-*penthouse*), la dan jirriżulta mill-kuntratt, sakemm ma tiġix mgħoddija leġislazzjoni *ad hoc*, li diffiċilment wieħed jifhem kif ser tapplika b’mod retroattiv għal użu ġà konċess fil-kuntratti ta’ akkwist rispettivi. Sal-lum, iżda, tali restrizzjoni ma hemmx. Jekk l-atturi jonxru fuq il-bejt tat-*penthouse*, u l-*MEPA* toħroġ *enforcement notice* fuq l-esponent bħala l-*permit holder* biex jieqaf l-inxir fuq il-bejt tal-*penthouse*, tali *enforcement notice* ma jagħmilx stat fil-konfront ta’ terzi (r-ritrattati) li ma jistgħux jiġu miżmuma mill-*MEPA* milli jonxru, la jirriżultalhom id-dritt ta’ użu tal-bejt, u ma tista’ tittieħed l-ebda *direct action* kontra tagħhom li tippreġudikahom imqar b’farka. Kull jedd tar-ritrattati ma jistax jiġi mittiefes minn kundizzjoni li l-awtorità tinserixxi f’permess maħruġ lil terz (f’dan il-kaz l-esponent) wara l-kuntratt tal-akkwist tar-residenti l-oħra tal-blokka. *Se mai*, dik kienet kunsiderazzjoni li l-*MEPA* kellha taraha fil-proċess tal-applikazzjoni għall-ħruġ tal-permess tal-iżvilupp. Il-*MEPA* lanqas tista’ timbarra l-aċċess ta’ Patrick Caruana Dingli *et* għall-bejt tal-peinthouse biex iżżommhom milli jonxru. Illi għalhekk, il-preġudizzju tar-ritrattati ravviżat fis-sentenza tal-1 ta’ April 2014 hu ineżistenti, u tali preġudizzju hu konsegwenza ta’ żball u anke applikazzjoni ħażina tal-liġi, fejn il-qorti naqset milli tqis il-każ fid-dawt tal-

provvedimenti tal-Kap. 504 tal-Liġijiet ta' Malta, u lanqas biss għamlet riferenza għal din il-liġi però fl-istess waqt, stranament, impernjat id-deċiżjoni tagħha fuq kunsiderazzjonijiet esklussivament relatati mal-liġi tal-ippjanar. Kienet din il-liġi li messha ġiet applikata, u mhux ir-regolamenti li għamlet riferenza għalihom il-qorti fis-sentenza tal-1 ta'April 2014.»

16. Bla ma tidħol fil-kwistjoni jekk il-konvenut huwiex qiegħed tassew jgħid illi l-qorti applikat il-liġi ħażin jew huwiex qiegħed biss jikkontesta l-interpretazzjoni tal-liġi, din il-qorti tosserva illi l-osservazzjonijiet li għamel il-konvenut huma għal kollox irrelevanti. Kif ġià ngħad fil-konsiderazzjonijiet relattivi għall-aggravju dwar żball ta' fatt, li hu relevanti ma huwiex illi l-atturi jistgħu jkomplu jonxru fuq il-bejt jew jintlaqtux b'avviż ta' twettiq maħruġ kontra l-konvenut: li hu relevanti hu illi l-bejt illi fuqu l-atturi jgawdu s-servitù ċkien, u għalhekk tnaqqas l-użu li jistgħu jagħmlu mill-bejt. Dan il-fatt ċentrali ma jinbidilx billi l-atturi xorta jistgħu jonxru fuq il-bejt il-ġdid.

17. Il-konvenut ikompli hekk:

> "Kien hemm ukoll applikazzjoni ħażina tal-liġi u żball fis-sens illi flok il-qorti eżaminat id-drittijiet rispettivi tal-kontendenti kif emanenti mill-kuntratti tal-akkwist tagħhom, daħlet minflok f'eserċizzju ta' analiżi u applikazzjoni ta' kif is-suppost regolamenti tal-iżvilupp ser jeffettwaw tali drittijiet. Jekk xejn, il-provvedimenti tal-liġi tal-ippjanar applikabbli għall-każ kellhom ikunu d-dispozizzjonijiet relativi tal-Kap. 504, senjatament l-artikolu 68 u 69 *et seq*. tal-istess, li jirrikjedu illi l-ebda żvilupp ma jista' jitwettaq jekk mhux bl-approvazzjoni tal-*MEPA* għal dak l-istess żvilupp, liema approvazzjoni tingħata bl-ħruġ tal-permess għall-iżvilupp relattiv. Illi fil-każ *de quo* nħareġ permess għall-izvilupp li ġie utilizzat mir-ritrattand, li bena skont l-istess permess; u liema permess iżda hu *saving third party rights* kif wara kollox dan hu l-prinċipju bażiku tar-liġijiet tal-ippjanar.
>
> "Illi fis-sentenza tagħha tal-1 ta' April 2014, il-Qorti kkonkludiet hekk ukoll:
>
> > ""L-argument tal-konvenut illi mhux hu iżda l-liġi stess li qiegħda tnaqqas jew timmina d-drittijiet tal-atturi huwa sofiżmu, għaliex huwa l-konvenut illi jixtieq jiżviluppa *penthouse* u mhux l-Awtorità tal-Ippjanar".
>
> "Illi hu stramb kif il-qorti skartat il-bażi tar-risposta tar-ritrattand merament billi qalet li din hi sofiżmu meta dan l-argument ta' natura ta' dritt kien *copy and paste* minn sentenza mogħtija mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili f'kawża oħra, li inzertat kienet presjeduta mill-istess imħallef li fil-kawża odjerna kien wieħed mit-tliet imħallfin komponenti l-Qorti tal-Appell.
>
> "Aktar minn hekk, hemm applikazzjoni ħażina tal-liġi għaliex il-qorti messha kkunsidrat ir-risposta tal-appell fid-dawl ta' dak li jipprovdi l-artikolu 1029 tal-Kap. 16, li jitkellem dwar forza maġġura."

18. Dan l-aggravju, bħal ta’ qablu, huwa għal kollox irrelevanti u kienet korrettissima l-Qorti meta qalet illi l-argument tal-konvenut huwa biss sofiżmu. Kif ġià ngħad, il-qofol tal-kwistjoni ma hijiex jekk ir-regolamenti tal-ippjanar jippermettux lill-atturi jonxru jew jagħmlu attivitajiet oħra fuq il-bejt: il-qofol hu illi bil-bini tal-*penthouse* il-bejt ċkien u għalhekk inevitabbilment naqset it-tgawdija tas-servitù fuq il-bejt. Dan seħħ mhux għax ir-regolamenti jiddettaw id-daqs ta’ *penthouse* iżda għax il-konvenut għażel li jibni *penthouse.* Ma kien hemm ebda “forza maġġuri” li ġiegħlet lill-konvenut jiddeċiedi li jibni *penthouse*.

19. L-aggravju hu wkoll għalhekk miċħud.

20. Il-konvenut jilmenta wkoll illi “b’mod stramb, saħansitra ġie kkundannat iħallas l-ispejjeż ġudizzjarji ta’ dawk l-atturi (Stephen Urpani, Jeremy u Eva Castillo) illi tilfu l-kawża fil-konfront tiegħu”.

21. Għalkemm jidher illi huwa minnu illi huwa “stramb” kif il-konvenut ġie kundannat iħallas l-ispejjeż ta’ dawk l-atturi wkoll illi t-talbiet tagħhom ma ntlaqgħux, f’dan l-istadju ma jista’ jsir xejn dwar din id-deċiżjoni sakemm ma jintweriex illi hemm raġuni għat-tħassir tagħha taħt l-art. 811 tal-Kodiċi ta’ Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili. Il-konvenut iżda illimita ruħu li jgħid biss illi din id-deċiżjoni dwar l-ispejjeż hija “stramba” u ma qal xejn iżjed; ma fissirx, kif kellu jagħmel, liema liġi kellha tapplika l-Qorti flok dik li bis-saħħa tagħha ikkundannatu jħallas l-ispejjeż. Effettivament, ma ressaq ebda aggravju dwar id-deċiżjoni fuq l-ispejjeż, u għalhekk ma hemm ebda aggravju li jista’ jintlaqa’.

22. Għal dawn ir-raġunijiet il-Qorti tiċħad it-talba tal-konvenut għat-tħassir tas-sentenza attakkata tal-1 ta’ April 2014 u tikkundanna lill-konvenut iħallas l-ispejjeż kollha ta’ dan l-episodju.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------